MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2012

Numru. 1222/2010

Il-Pulizija
(Sp Ramon Mercieca)
vs
Silviio (Saviour) Pace, iben Joseph, Imwieled Pieta' fil-21 ta' Novembru, 1968, karta ta' l-identita numru 477468(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli f'dawn il-Gżejjer, matul il-ġurnata tas-16 ta' Novembru, 2010, għal ħabta tad-9.30 p.m. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni GBF 045, tal-marka Vauxhall Nova, għad-dannu ta' l-istess sid u cioe' Glen Charles Bonnici miż-Żejtun, liema ħsara hi aktar minn €116.57 iżda mhux aktar minn €1,164.69;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Liza Pace u lil Jeanfred Vella jibżgħu li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' tagħhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna oħra msemmija fl-artikoli 222(1) tal-Kodiċi Kriminali, tkun ħatja ta' reat jekk hi tkun taf jew imissha tktn taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħaddieħor biża' kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer ta fastadju lil Liza Pace u lil Jeanfred Vella b'mod li kont taf li dan kien ta' fastidju għaliha;
4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' Liza Pace u ta' Jeanfred Vella weġġagħhom bi kliem, b'ġesti, kitba, b'disinni jew b'xi mod ieħor;
5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi hedded bil-fomm b'delitt u ciioe' bi qtil wara li kien hemm ordni jew kondizzjoni fuq il-persuna ta' Liza Pace;
6. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom jew b'xi mod ieħor indaħal fid-dmirijiet;
7. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor;
8. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament kiser il-paċi pubblika u il-bon ordni b'għajjat u ġlied;
9. talli b'hekk sar reċidiv b'sentenzi li saru definittivi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Liza Pace u jeanfred Vella.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Marzu, 2011 fejn ġie eżaminat il-pre-sentencing report.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Mejju, 2012 fejn l-imputat reġa tenna l-ħtija tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 49, 50, 251A(1)(a)(b), 251B, 249, 252, 325(1)(b) u 338(m)(dd)(ee) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal sena priġunerija.  Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikoli 383 et seq. tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------